Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt).

Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-27 ta' Diċembru, 2019

Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

27th December, 2019

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf illi:

**Sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2020, offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali n-Naxxar, għal:**

Avviż Nru. NLC/06/2019. Servizz ta' Maniġer tal-Kuntratti għall-Kunsill Lokali n-Naxxar.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-27 ta' Diċembru, 2019

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:

**Tenders will be received through ePPS at Naxxar Local Council up to 9.30 a.m. on Friday, 17th January, 2020, for:**

Advt No. NLC/06/2019. Services of a Contracts Manager for the Naxxar Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

27th December, 2019

## AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1930

ARB/C070/2019 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Diċembru, 2019, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Neville Camilleri, LLD). Kumpilazzjoni numru 741/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Jonathan Cassar)

Kontra

DEPTY NAVAL, elettriċista, ta' 35 sena, iben Vinod Kumar u Janak Dulari, imwieled Jalhandar, Punjab, l-Indja,

ARB/C070/2019 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 20th December, 2019, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Neville Camilleri, LLD). Compilation number 741/2019 in the case:

The Police
(Inspector Jonathan Cassar)

Versus

DEPTY NAVAL, electrician, 35 years, son of Vinod Kumar and Janak Dulari, born in Jalhandar, Punjab, India,

fit-18 ta' Ottubru, 1984, residenti ġewwa 92B, Jacal, Fl2, Triq San Ġwann Battista, Tas-Sliema, u detentur ta' passaport Indjan bin-numru R0744827 u karta tal-identità Maltija bin-numru 220435A.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' DEPTY NAVAL u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi annwalment l-ammont previst mil-liġi li hu tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes jew l-imputat jindika lill-Qorti hu stess minn liema kont jkun qed jipperċepixxi l-flejjes indikati.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u tal-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 23 ta' Diċembru, 2019

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

F'isem ir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

on the 18th October, 1984, residing at 92B, Jacal, Fl2, Triq San Gwann Battista, Tas-Sliema, and holder of Indian passport bearing number R0744827 and Maltese identity card bearing number 220435A.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to DEPTY NAVAL and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORIZED the said accused to receive the amount authorised by law which is thirteen thousand, nine hundred and seventy six euro and twenty-four cents (€13,976.24) on an annual basis provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken or the accused themselves may indicate to the Court from which account they are perceiving the moneys indicated.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 22A and Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 23rd December, 2019

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

On behalf of the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

1931

ARB/C071/2019 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Diċembru, 2019, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Doreen Clarke, LLD). Kumpilazzjoni numru 729/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C071/2019 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 20th December 2019 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Doreen Clarke, LLD). Compilation Number 729/2019 in the case:

Il-Pulizija

(l-Ispettur Jonathan Cassar)

Kontra

GIORGI KHELADZE, xufier tat-taxi, ta’ 29 sena, iben David u Manana xebba Mokhevishvili, imwieled Georgia fis-7 ta’ Mejju, 1990, residenti ġewwa 189, Flt 3, Rose Apt, Vjal l-Independenza, il-Mosta, u detentur ta’ passaport tal-Georgia bin-numru 10BA59190.

ORDNAT is-sekwestru f’idejn terzi persuni b’mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta’ GIORGI KHELADZE u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b’rahan, jipoteka jew xort’oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi annwalment l-ammont previst mil-liġi li ma jeċċedix it-tlettax-il elf, disa’ mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-akkużat jindika b’nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u tal-Artikolu 23A tkun ħatja ta’ reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta’ mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta’ proprjetà li jsiru bi ksur ta’ dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 23 ta’ Diċembru, 2019

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI
F’isem ir-Reġistru tal-Qrati ta’ Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

The Police

(Inspector Jonathan Cassar)

Versus

GIORGI KHELADZE, taxi driver, 29 years, son of David and Manana née Mokhevishvili, born in Georgia on the 7th May, 1990, residing at 189, Flt 3, Rose Apt, Vjal l-Independenza, Mosta, and holder of Georgian passport bearing number 10BA59190.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to GIORGI KHELADZE and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORIZED the said accused to receive the amount authorized by law that does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 22A and Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 23rd December, 2019

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

On behalf of the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

1932

B’digriet mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, (AF) fis-17 ta’ Diċembru, 2019, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Gastone Real Estate Ltd (C 76546) et vs Flowers Ltd, Rikors numru 540/2019 (AF), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta’ notifika fil-konfront tal-

By means of a decree givcen, by the First Hall Civil Court (AF) on the 17th December, 2019, in the records of the Sworn Application, in the names Gastone Real Estate Ltd (C 76546) vs Flowers Ltd, Application Number 540/2019 (AF) the following publication was ordered for the purpose of

intimati u ċjoè Gastone Real Estate Limited (C 76546) u Constat Asset Management Limited,a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Gastone Real Estate Limited (C 76546) et vs Flowers Limited (C 84995) fl-4 ta' Novembru, 2019, ir-rikorrenti Flowers Limited (C 84995) tixtieq tipprevalixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha ai termini tal-Artikolu 396 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista ta' dak espost fir-rikors titlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara illi l-ftehim datat 20 ta' Frar, 2018, u dak datat 13 ta' Settembru, 2018, bejn Flowers Ltd u l-atturi rikonvenzjonati jew min minnhom m'għadhomx fis-seħħ u huma privi minn kull effett legali u għaldaqstant il-partijiet irrivertew għall-istatus quo ante,

2. Tordna lil-atturi rikonvenzjonati jew min minnhom jirrifondu l-ammont ta' sitt mitt elf ewro (€600,000)imħallas mis-soċjetà Flowers Ltd, fis 7 ta' Settembru, 2018, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, fosthom l-ħlas tal-imgħax bir-rata kummerċjali sal-pagament effettiv.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Gastone Real Estate Ltd (C 76547)vs Flowers Ltd, Rikors numru 540/2019 (AF) jinsab differit għas-smigħ għat 8 ta' Jannar, 2020, fid 9.30 a.m.

Rikorrenti: Flowers Ltd (C 84995), 26, Triq il-Feniċi, Il-Mosta
Intimati: 1) Gastone Real Estate Limited, 123, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema
2) Constat Asset Management Limited, 123, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Diċembru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

service of the respondents and namely Gastone Real Estate Limited (C 76546) and Constat Asset Management Limited, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Gastone Real Estate Limited (C 76546) et. vs Flowers Limited (C 84995) on the 4th November, 2019, the applicant Flowers Limited (C 84995) wishes to avail itself of the right given to it in terms of Article 396 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta and in view of that brought forward in the application prays this Honourable Court;

1. To declare that the agreement dated 20th February, 2018, and that dated 13th September, 2018, between Flowers Ltd and the reconvened plaintiffs or either of them are no longer in force and are deprived of any legal effect and thus the parties reverted to their prior status,

2. Order the reconvened plaintiffs or either of them to refund the amount of six hundred thousand euro (€600,000) paid by the company Flowers Ltd, on the 7th September, 2018, and uphold the other demands in the application, amongst which the payment of interest at the commercial rate till the effective payment.

The Sworn Application in the names Gastone Real Estate Ltd vs Flowers Ltd, Application number 540/2019 (AF) has been deferred for hearing to the 8th January, 2020, at 9.30 a.m.

Applicant: Flowres Ltd (C 84995), 26, Triq il-Feniċi, Mosta
Respondents: 1) Gastone Real Estate Limited, 123,Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema
2) Constat Asset Management Limited, 123, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 24th December, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1933

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-23 ta' Diċembru, 2019, fuq rikors ta' E. Grech Cristal Bath Limited (C 13298) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 20 ta' Frar, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir fil-Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt:

Fond mibni fuq erba' sulari nnumerat mija disgħa u erbgħin (149) ġja mija ħamsa u ħamsin (155) fi Triq San

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 23rd December, 2019, on the application of E. Grech Cristal Bath Limited (C13298), Thursday, 20th February, 2020, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Tenement built on four levels numbered one hundred and fourty nine (149) previously numbered as one hundred

Bastjan, Ħal Qormi fejn preżentament it-terran jinfed ma’ proprjetà ta’ terzi. Il-proprjetà hi stmata li tiswa erba’ mija u ħamsin elf ewro (€450,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta’ Grech’s Limited (C 1863).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 6/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 24 ta’ Diċembru, 2019

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and fifty five (155) in Triq San Bastjan, Ħal Qormi, where presently the ground floor is connected with third party property and is valued at four hundred and fifty thousand euro (€450,000).

The said tenement is the property of Grech’s Limited (C 1863).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 6/2018.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 24th December, 2019

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1934

B’digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, fit-3 ta’ Diċembru, 2019, fl-atti tar-Rikors fl- ismijiet DIS Equipment Rental Limited vs Paul Muscat noe, Rikors numru 15/18, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta’ notifika fil-konfront tal-appellata, is-soċjetà DIS Equipment Rental Ltd, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Illi permezz ta’ Rikors tal-Appell, ippreżentat, minn Paul Muscat, Wara l-lodo Arbitrarli bin-numru 3278/2012, Deċiż fil-15 ta’ Novembru, 2017, miċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ presedut mill-Onor. Imħallef Emeritu Dr Joseph David Camilleri, fl-ismijiet DIS Equipment Rental Limited (C 45248) vs Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanza ta’ ‘Confirma Joint Venture’ and ‘Caravaggio Joint Venture’ u s-soċjetà ‘Kooperativa Recoop – ‘The Restoration and Consevartion Co-operative Limited’ (Soċjetà Kooperativa Numru 81) fis-16 ta’ Frar, 2018, ir-rikorrenti Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanża ta’ ‘Confirma Joint Venture’ u ‘Caravaggio Joint Venture u s-soċjetà Kooperativa Recoop ‘The Restoration and Conservation Co-operative Limited’ (Soċjetà Kooperativa Numru 81) ir-rikorrenti esponiet bir-rispett,

Avviż tal-Arbitraġġ tas-soċjetà attriċi appellata u nota li permezz tagħha ġie ridott is-sorte.

1. Illi dak li kien intalab mill-kumpanija attriċi (appellata f’dawn il-proċeduri u ’l quddiem f’dan ir-rikors magħrufa bħala l-attriċi appellata) permezz tal-Avviż tal-Aritraġġ, ippreżentat, fit-8 ta’ Ottubru, 2012, kien illi l-Arbitru jikkundanna lill-konvenut nomine (appellant f’dawn il-proċeduri u ’l quddiem f’dan ir-rikors magħruf bħala l-konvenut nomine appellant) iħallasha s-somma ta’ mitejn sitta u sebgħin elf mija u sitt ewro u disa’ ċenteżmi (€276,106.09) rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ servizzi

By means of a decree given, by the Court of Appeal,on the 3rd December, 2019, in the records of the Application, in the names DIS Equipment Limited vs Paul Muscat noe, Application Number 15/18, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, the company DIS Equipment Rental Ltd, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

That by means of an Appeal Application, filed, by Paul Muscat, Following the Arbitration Award with number 3278/2012, Decided on the 15th November, 2017, by the Maltese Arbitration Centre presided by the Hon. Judge Emeritus Dr Joseph David Camilleri, in the names DIS Equipment Rental Limited (C 45248) vs Paul Muscat in the name and in representation of ‘Confirma Joint Venture’ and ‘Caravaggio Joint Venture’ and the company ‘Kooperativa Recoop – The Restoration and Conservation Co-operative Limited) (Cooperative Company Number 81) on the 16th February, 2018, the applicant Paul Muscat in the name and in representation of ‘Confirma Joint Venture’ and ‘Caravaggio Joint Venture and the company Kooperativa Recoop – The Restoration and Conservation Co-operative Limited) (Cooperative Company Number 81) the applicant respectfully prayed,

Notice of Arbitration of the respondent plaintiff company and the note by means of which the demand was reduced.

1. That what was being demanded by the plaintiff company (respondent in these procedures and later on in this application known as the respondent plaintiff) by means of a Notice of Arbitration ,filed, on the 8th October, 2012, was that the Arbitrator condemn the defendant nomine (appellant in these procedures and later in this application known as the appellant defendant nomine)to pay it the sum of two hundred seventy six thousand one hundred and six euro and nine cents (€276,106.09) representing balance of price of

relatati ma' xogħlijiet ta' scaffolding inkonnessjoni mar-restawr tal-Birgu Landfront Fortifications, liema xogħlijiet saru abbażi ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fil-21 ta' Diċembru, 2011.

2. Illi l-attriċi appellata talbet ukoll l-imgħaxijiet skont il-liġi u l-ispejjeż.

3. Illi fid-29 ta' Marzu, 2016, ċjoè kwazi tliet snin u nofs wara l-preżentata tal-avviż tal-arbitraġġ l-attriċi appellata rriduċiet is-sorte għas-somma ta' mitejn tmienja u erbgħin elf mija u sitt ewro u disa' ċenteżmi (€248,106.09).

Eċċeżżjonijiet tal-konvenut nomine appellant

4. … omissis …

Kontrotalba tal-Konvenut nomine appellant

5. Illi permezz tal-kontrotalba tiegħu, il-konvenut nomine appellant limitatament għan-nom u in rappreżentanza ta' 'Confirma Joint Venture' u'Caravaggio Joint Venture' talab lill-Onoervoli Arbitru kif ġej;

… omissis …

Difiża għall-Kontrotalba

6. Illi permezz tal-Istatement of defence to a counter-claim l-attriżi appellata eċċepiet kif gej;

… omissis …

Deċiżjoni Arbitrali tal-15 ta' Novembru, 2017

7. Illi permezz tal-lodo arbitrali mogħti fil-15 ta' Novembru, 2017, l-Arbitru ddeċieda kif gej;

1. Fl-ewwel lok referibilment għat-talba tar-rikorrenti indikata fl-istatement of claim (liema talba ġiet ridotta fil-mori tal-arbitraġġ) jilqa' l-istess limitatament għas-somma ta' €174,590.93,

ii. Fit-tieni lok tordna li fuq is-somma likwidata jiddekorru l-interessi bir-rata ta' 8% sal-pagament effettiv.

iii. Fit-tielet lok l-ispejjeż jitħallsu kif jingħad fil-lodo.

Notfika tal-Lodo Arbitrarli

8 .Illi l-konvenut nomine appellant ġie notifikat bil-lodo arbitrali fl-1 ta' Frar, 2018.

services related with scaffolding works in connection with the restoration of the Birgu Landfront Fortifications, which works were made on the basis of a contract signed bewtween the parties on the 21st December, 2011.

2.That the respondent plaintiff asked also for the interests according to law and the costs.

3.That on the 29th March, 2016, namely three and a half years after the presentation of the notice of arbitration the respondent plaintiff reduced the demand to the sum of two hundred forty eight thousand one hundred and six euro and nine cents (€248,106.09).

Pleas of the appellant defendant nomine

4. … omissis …

Counterclaim of the appellant Defendant nomine

5.That by means of his Counterclaim, the appellant defendant nomine limitedly on behalf and in representation of 'Confirma Joint Venture' and 'Caravaggio Joint Venture' asked the Honourable Arbitrator as follows;

… omissis …

Defence to the Counerclaim

6.That by means of the Statement of defence to a counter-claim the respondent plaintiff pleaded as follows;

… omissis …

Arbitration Decision of the 15th November, 2017

7.That by means of an arbitration award given on the 15th November, 2017, the Arbitrator decided as follows;

1. In the first place with the reference to the applicant's demand indicated in the statement of claim (which claim was reduced during the proceedings of arbitration) uphold the same limitedly for the sum of € 174,590.93,

ii.In the second place order that on the sum liquidated there run the interests at the rate of 8% till the effective payament.

iii.In the third place the costs be paid as stated in the award.

Notification of the Arbitratiomn Award

8. That the appellant defendant nomine was notified with the arbitration award on the 1st February, 2018.

Aggravji

9. Illi l-konvenut nomine appellant iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni premessa u qiegħed għaldaqsatant umilment jinterponi appell minn din l-istess deċiżjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell ai termini tal-Art 69A (2) (b) u l-Art 70 (a) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fil-fatt illi l-konvenut nomine appellant ma' jaqbilx mal-apprezzament tal-punti tal-liġi magħmula mill-Arbitru.

Appell fuq Punt ta' Liġi

11. Illi ai termini tal-art 70B(1) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta 'Appell taħt l-Artikolu 70A għandu jidentifika l-punt ta' liġi li għandha tittieħed deċiżjoni fuqu u għandu jispeċifika t-tifsira li r-rikorrent jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat'.

12. Illi l-punti ta' liġi inkwistjoni huma s-segwenti:

… omissis …

Punt ta' liġi numru wieħed – Deċiżjoni dwar digriet interlokutorju.

13. Illi fuq dan il-punt ta' liġi qabel xejn jingħad mill-bidu nett illi l-konvenut nomine appellant mhuwiex qiegħed f'dan l-istadju jappella minn digriet interloturoju mogħti fl-istadju tal-arbitraġġ.

14. Illi fil-qosor il-pern tal-kwistjoni kollha għandha l-għeruq tagħha fl-intransiġenza grassa li wriet l-attriċi appellata matul il-kors tal-arbitraġġ sabiex tibda tressaq il-provi tagħha.

… omissis …

15. Illi tajjeb jingħad illi fil-forma oriġinali tiegħu (l_Att 11 tal-2006) il-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, ma kienx jagħmel riferenza għall-digrieti interlokutorji. Dawn iddaħħlu l-ewwel darba pemezz tal-Att XXX1 tal-2002 li kien introduċa l-Artikolu 71B (illum emendat) li s-subartikolu 3 tiegħu kien jaqra kif ġej;

16. Illi sussegwentement u ċjoè permezz tal-Att IX tal-2004 il-Leġiżlatur introduċa l-Artikolu 44(10) li jaqra kif ġej;

… omissis …

Grievances

9. That the appellant defendant nomine feels aggrieved by the decision premised and is thus humbly filing an appeal from the same decision before the Honourable Court of Appeal in terms of Art 69 A (2) (b) and Art 70(a) of Cap 387 of the Laws of Malta;

10. That the grievances are clear and manifest and consist in the fact that the appellant defendant nomine does not agree with the evaluation of the points of law made by the Arbitrator.

Appeal on a Point of Law

11. That in terms of Art 70(B) (1) of Cap 387 of the Laws of Malta an appeal under Article 70A is to identify the point of law on which a decision is to be taken and is to specify the meaning that the applicant alledges is a correct meaning of the point of law identified'.

12. That the points of law in question are the following:

… omissis …

Point of law number one-Decision regarding the interlocutory decree.

13.That on this point of law in the first place it is stated from the beginning that the appellant defendant nomine is not at this stage, appealing from an interlocutory decree given at the arbitration stage.

14.That in brief the crux of all the dispute has its roots in the gross intransigence shown by the respondent plaintiff during the course of the arbitration in order to commence to bring forward its proof.

… omissis …

15.That it is good to state that in its original form (Att 11 of 2006) Cap 387 of the Laws of Malta, did not refer to tinterlocutory decrees. These were introduced the first time by means of Act XXX1 of 2002 which introduced Article 71B(today amended) of which subarticle 3 read as follows;

16. That subsequently and by means of Act IX of 2004 the Legislator introduced Article 44(10) which reads as follows;

… omissis …

18. Illi huwa ċar għaldaqstant li l-intenzjoni tal-leġiżatur f'dak li għandu x'jaqsam appelli minn digrieti interlokutorji mogħtija mill-Arbitru fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ kienet waħda ċara;

i. Digrieti interlokutorji ma jistgħux jiġu appellati matul il-kawża tal-Arbitraġġ;

ii. Digrieti interlokutorji jistgħu jiġu appellati wara li l-arbitraġġ ikun deċiż dejjem jekk jissodisfa l-kweżiti tal-Art 70 A(3).

19. Illi għalhekk huwa bil-wisq ċar illi d-digriet interlokutorju tal-Arbitru tat-13 ta' Awwissu, 2015, illi jħassar contrario imperio d-digriet interlokutorju tiegħu tat-3 ta' April, 2014 , kien wieħed null u bla effett stante li jmur kontra d-dispożizzjonijiet imsemmija tal-Kap. 387.

… omissis …

21. Illi bir-rispett kollu hawnhekk il-konvenut nomine appellant ma jikkondividi xejn mal-pożizzjoni tal-Arbitru illi din il-kwistjoni si tratta ta' formaliżmu proċedurali riġidu.

22. Illi għalkemm il-konvenut nomine appellant jaqbel illi sa fejn huwa possibbli l-atti għandhom jiġu salvati u s-sustanza għandha tirrenja fuq il-proċedura riġida madanakollu tali prinċipju mhuwiex assolut u lanqas ma huwa open ended.

… omissis …

Punt ta' Liġi numru tnejn – Il-Kwistjoni ta' ekwità vs il-prinċipju ta' pacta sunt servanda fir-rigward tal-proviso ta' klawsola 6.1 tal-kuntratt.

27. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost bħala konkluzjoni għal Taqsima C tad-Deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru stqarr s-segwenti, 'Ir-rikorrenti bażikament ipprovdiet u armat l-iscaffdoldings li kienet obbligata li tarma fuq is-siti inkwistjoni. Għalkemm irriżulta li dan ma għamlitux entro d-deadlines speċifiċi indikati fi Klawsola 3, però hija ma kinetx basikament tardiva fis-sens tal-Klawsola 6.1.2

28. Illi din il-konkluzjoni l-Arbitru wasal għaliha wara illi b'applikazzjoni ħażina u interpretazzjoni żbaljata tal-Art 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ddeċieda illi l-Perit Joseph Zammit imqabbad mill-partijiet taħt il-Klawsola numru 6.1 sabiex jiddetermina l-eżistenza o meno ta' 'inclement weather' mexa b'atteġġjament formalistiku riġidu'.

… omissis …

18.That it is clear thus that the intention of the legislator in so far as appeals from interlocutory decrees given by the Arbitrator in the Malta Arbitration Centre was clear;

i. nterlocutory Decrees cannot be appealed during the Arbitration proceedings;

ii. Interlocutory Decrees can be appealed after the arbitration is decided always if it satisfies the requisites of Art 70A(3).

19. That thus it is very clear that the interlocutory decree of the Arbitrator of the 13th August, 2015, to revoke contrario imperio his interlocutory decree of the 3rd April, 2014, was null and without effect since it goes against the dispositions mentioned of Cap. 387.

… omissis …

21. That with all respect the respondent defendant nomine does not agree at all with the position of the Arbitrator that this dispute refers to rigid procedural formalism.

22. That although the appellant defendant nomine agrees that as far as it is possible the acts are to be safeguarded and the substance is to prevail on the rigid procedure however this principle is not absolute and is not open ended.

… omissis …

Point of Law number two – The question of equity vs the principle pacta sunt servanda as regards the proviso of clause 6.1 of the contract.

27. That without prejudice to the above as a conclusion to Section C of his Decision, the Arbitrator declared the following,'the applicant basically provided and set up the scaffoldings which it was oibliged to set up on the sites in question. Although it resulted that it did not do this within the deadlines specfified in Clause 3, however it was not basically late in the sense of Clause 6.1.2.

28. That the Arbitrator reached this conclusion after a wrong application and a wrong interpretation of Art 993 of Cap 16 of the Laws of Malta, he decided that Architect Joseph Zammit engaged by the parties under Clause number 6.1 in order to determine the existence or not of 'inclement weather' proceeded with a rigid formalistic approach'.

… omissis …

30. Illi l-Arbitru mar oltre minn hekk u stqarr bla tlaqliq illi l-mod kif mexa l-Perit ma kienx imparzjali u li l-operat tiegħu ma kienx tali illi jista' jiġi approvat mill-Arbitru.

30. That the Arbitrator went further then this and openly declared that the way the Architect proceeded was not impartial and his work could not be approved by the Arbitrator.

… omissis …

31. i. Illi l-konvenut nomine appellat umilment jiddentifika diversi raġunijiet l-għala dan ir-raġunament tal-Arbitru ma jreġix u wasslitu sabiex jagħmel interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-Artikolu 993 fuq imsemmi.

31.i. That the respondent defendant nomine identified various reasons why the reasoning of the Arbitrator does not hold and lead him to make a wrong interpretation and application of Article 993 above mentioned.

… omissis …

iii. Finalment f'dak li għandu x' jaqsam l-ekwità filwaqt li huwa vera illi l-kuntratti għandhom jiġu interpretati b'ekwità u bil-buon fede dan ma jfissirx però illi kwalunkwe formlità jew proċedura speċjalment jekk din tkun ġiet espressament maqbula bejn il-partijiet a priori għandha tintrema 'l barra mit-tieqa.

iii. Finally as regards equity whilst it is true that contracts are to be interpreted equitably and in good faith this does not mean however that every formality of procedure especially if this expressly agreed between the parties before hand is to be thrown overboard.

… omissis …

34. Illi għalhekk mingħajr preġudizzju u b'mod sussidjarju għall-appell fuq il-punt ta' liġi msemmi f'paragrafu 26 ta' dan ir-rikors hija l-fehma tal-konvenut nomine illi din l-Onorabbli Qorti bl-applikazzjoni tal-Art 71(3) tal-Kap. 387 wara li tapplika l-interpretazzjoni korretta tal-punt ta' liġi illi l-kunttrat għandu jipprevali fuq l-hekk imsemmija ekwità (jew nuqqas ta' formaliżmu) għandha tvarja d-deċiżjoni appellata kif jingħad f'dan ir-rikors.

34. That thus without prejudice and in secondment of the appeal on the point of law mentioned in paragraph 26 of this application it is the opinion of the defendant nomine that this Honourabe Court with the application of Art 71(3) of Cap 387 after applyting the correct interpretation of the point of law that the contract is to prevail on the so called equity (or lack of formalism) is to vary the decision appealed as stated in this application.

Punt ta' liġi numru Tlieta – Nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi appellata u 'Recoop' – The Restoration and Conservation Coop Ltd.

Point of law number Three-Lack of juridical relationship between the respondent plaintiff and 'Recoop' – The Restoration and Conservation Coop Ltd.

35. Illi dan il-punt ta' liġi ġie deċiż mill-Arbitru taħt Taqsima tad-deċiżjoni.

35. That this point of law was decided by the Arbitrator under the Section of the Decide.

… omissis …

37. Illi fil-fehma umli tal-konvenut nomine appellant hawnhekk si tratta ta' interpretazzjoni ta' punt ta' dritt illi hija b'mod ċar żbaljata. Biex wasal għall-konkluzjoni tiegħu l-Arbitru straħ fuq tliet fatturi separati.

37. That in the humble opinion of the appellant defendant nomine here it is a case of interpretation of a point of law which is clearly mistaken.In order to reach his conclusion the Arbitrator relied on three separate factors.

38. Illi l-konvenut nomine appellant jirrileva illi sostanzjalmnent dak kollu li jingħad f'dawn it-tliet fatturi fuq elenkati huwa korrett. Li kien żbaljat huwa l-applikazzjoni tagħhom għall-każ de quo mill-Arbitru liema applikazzjoni kkonduċiet lill-Arbitru sabiex jasal għall-konkluzjoni erronja illi l-Kooperattiva Recoop għandha relazzjoni ġuridika mal-attriċi appellata.

38. That the appellant defendant nomine points out that substantially points out that all that is stated in these three factors above listed is correct. What was misataken was their application to the case de quo by the Arbitrator which application lead the Arbitrator to reach a wrong conclusion that the Recoop Cooperative has a juridical relationship with the respondent plaintiff.

… omissis …

42. Illi finalment jingħad illi bħala stat ta' fatt l-unika kuntratt ta' xogħlijiet esibiti in atti li jġorr il-firma kemm tal-'Employer' u kif ukoll tal-'Contractor' huwa dak esibit mal-Istatement of Claim (immarkat Dok. A) ċjoè l-kuntratt tal-21 ta' Diċembru, 2011, liema kuntratt ġie indikat mis-soċjetà attriċi fl-istatement of claim tagħha bħala 'the contract out of which or the defined legal relationship in respect to which the dispute arises'.

43. Illi għalhekk hija tal-fehma tal-konvenut nomine appellanti illi dan il-ftehim huwa res inter alios acta, aliis nec nocet nec prodest, fir-rigward tal-Kooperativa Recoop u ġalardarba din mhijiex parti mill-ftehim li fuqu hija mibnija l-kawża odjerna.

44. Illi hija wkoll il-fehma tal-konvenut nomine appellant illi danm l-istess punt ta' liġi jissodisfa l-kweżiti tal-Art 70A(3) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta sante;

… omissis …

45. Illi għalhekk mingħajr preġudizzju u b'mod sussidjarju għall-appell fuq il-punti ta' liġi msemmija f'paragrafi 26 u 34 ta' dan ir-rikors, hija l-fehma tal-konvenut nomine illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma taċċettax l-appell tiegħu fuq il-punti ta' liġi msemmija preċedetement din l-Onorabbli Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art 71(3) tal-Kap. 387 wara li tapplika l-interpretazzjoni korretta tal-punt ta' liġi illi ma teżistix relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u l-Koperattiva Recoop għandha tvarja d-deċiżjoni appellata billi tillibera lill-Kooperativa Recoop mill-osservanza tal-ġudizzju u mill-bqija tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru kif mitlub f'dan ir-rikors.

Ir-Rikors fl-ismijiet DIS Equipment Rental Limited vs Paul Muscat noe, Rikors numru 15/18, jinsab differit għas-smigħ għas-17 ta' Jannar, 2020, fl-10.30 a.m.

Notifika: DIS Equipment Rental Ltd, KW 38, Kordin Industrial Estate, Paola PLA 3000

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 24 ta' Diċembru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

… omissis …

42. That it is finally stated that as a state of fact the only contract of works exhibited in the records which bears the signature both of the 'Employer' as well as the 'Contractor' is that exhibited with the Statement of Claim (marked Doc. A) namely the contract of the 21st December, 2011, which contract was indicated by the plaintiff company in its statement of claim as 'the contract out of which the defined legal relationship in respect to which the dispute arises'.

43. That thus it is the opinion of the appellant defendant nomine that this agreement is a res inter alios acta, aliis nec nocet nec prodest, as regards the Cooperative Recoop, and once this is not part of the agreement on which the present cause is based.

44. That it is also the opinion of the appellant defendant nomine that this same point of law satisfies the requisites of Art 70 A (3) of Cap 387 of the Laws of Malta since;

… omissis …

45. That thus without prejudice and in secondment to the appeal on the points of law mentioned in paragraphs 26 and 34 of this application, it is the opinion of the defendant nomine that in case that this Honourable Court does not accept its appeal on the point of law mentioned before this Honourable Court, with the application of Art 71(3) of Cap. 387 after applying the correct interpretation of a point of law that there does not exist a juridical relationship between the plaintiff and the Cooperative Recoop, is to vary the appealed decision by freeing the Recoop Cooperative from the observance of the judgement and for the rest confirm the decision of the Arbitrator as requested in this application.

The Application in the names DIS Equipment Rental Limited vs Paul Muscat noe, Application number 15/18, has been deferred for hearing to the 17th January, 2020, at 10.30 a.m.

Notify: DIS Equipment Rental Ltd, KW 38, Kordin Industrial Estate, Paola PLA 3000

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 24th December, 2019

ADV. FRANK PORTELLI,LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*